**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI IŻ-ŻURRIEQ**

**L-GĦAXAR LEĠISLATURA**
**LAQGĦA NUMRU WIEĦED U GĦOXRIN**

**21 TA' JANNAR, 2026**

**Il-Kunsill Lokali Iż-Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Iż- Żurrieq Fl-18:00 ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima, l-Viċi Sindku Ignatius Farrugia u l-Kunsilliera s-Sinjura Marisa D'amato, s-Sur Kyle Mifsud, s-Sur Dino Bonnici, s-Sinjorina Marylyn Sammut u s-Sur Jeremy Coleiro.

**SKUŻAT**

Il-Kunsilliera Kenneth Farrugia u Daniel Muscat

**ASSENTI**
-
**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **21.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 21.1.1 | | Il-kunsilliera s-Sur Kenneth Farrugia u s-Sur Daniel Muscat infurmaw li ma setgħux jattendu minħabba impenji ta' xogħol. **Dok 1 mehmuż.** |
| | | |
| **21.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 21.2.1 | | Il-minuti numru 20 ġew approvati. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***21.3*** | | ***Komunikazzjoni mis-Sindku*** |
| | | |
| 21.3.1 | | Is-Sindku qalet li:<br>• Il-maltemp ma affettwax ħafna liż-Żurrieq u ma saritx ħafna ħsara.<br>• Nhar is-Sibt ser ikun hemm il-kunċert tal-Orkestra Żurrieq, f'San Vincent De Paul. Hi ħeġġet lill-Kunsilliera biex jattendu.<br>• Fl-1 ta' Frar ser ikun hemm id-dberik tal-annimali f'Bubaqra, fl-attivita ser tintlaqa donazzjoni għall-Cat Cafe. Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal li ser iġib voucher ta' 5E lil kull parteċipant. Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li f'lokalitajiet oħra minn jipparteċipa jħallas fee żgħira. Ma kienx hemm qbil fuq dan.<br>• Għall-Karnival li ser isir fit-12 ta' Frar, ser ikun hawn il-parteċipazzjoni mill-iscouts u l-għaqdiet taż-Żurrieq, ħarġet applikazzjoni għall-bandisti, u ser ikun hemm 3 karrijiet żrieraq u festa banda. Il-Kunsill Lokali ser jingħata 5k fondi mid-DLG wara li għamel applikazzjoni.<br>• fl-1 ta' Ġunju jkun hemm l-attivita ta' Jum iż-Żurrieq u l-attivitajiet l-oħra ta' Jum iż-Żurrieq fis-6 u 7 ta' Ġunju. Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal li fis-7 ta' Ġunju jkun hemm bżonn li jiżżarmaw kmieni minħabba attivita tal-knisja. |
| | | |
| | | |
| ***21.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 21.4.1 | | Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia issuġġerixxa biex fl-aħħar ta' Ġunju jerġa jorganizza l-attivita tal-mawra f'Catania. Kien hemm qbil fuq dan.<br><br>Il-Viċi Sindku ħareġ mis-seduta fis 18:30. |
| | | |
| 21.4.2 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet:<br>• tixtieq torganizza open day għal Cat Café fit-22 ta' Frar – issir l-open day. Kien hemm qbil fuq dan<br>• Illum stess tkellmet ma vet biex jiġi fil-cat cafe u jgħati l-vaccin lill-qtates.<br>• Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal li l-kumpanija li jaħdem magħha hu, lesta li toffri affarijiet għall-cat cafe. Nhar l-Erbgħa 28 ta' Jannar ser ikun hemm laqgħa mal-kumpanija.<br>• Dan l-aħħar kellna żewġ addozzjonijiet u ġimgħa oħra ser ikun hemm addozzjoni ta' 3. Dawn jagħmlu post għal oħrajn li jridu jidħlu.<br>• Kien hemm qbil li l-ħinijiet tal-ftuħ tal-cat café isiru fin-notice boards tal-Kunsill.<br><br>Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet:<br>• Xtaqet li għal Ġunju issir attivita f'Ħal Millieri bħala post medjevali. Heritage Malta jorganizzaw ikliet u orkestra medjevali, li jistgħu jsiru f'Ħal Millieri. Is-Sindku qalet li ser tistaqsi lill-kuratur li jieħu ħsieb l-kappelli ta' Ħal Millieri, biex tara jekk il-manutenzjoni tal-kappella hix ser tkunlesta għal Ġunju. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Trid li issir laqgħa bejnha u l-Kunsilliera Dino Bonnici u Daniel Muscat fuq attivita sportiva fiż-Żurrieq. |
| | | |
| 21.4.3 | | Il-Kunsillier Marylyn Sammut qalet li :<br>• Fi Triq Fra Luka Zurki hemm persuna b'diżabilta li m'għandix parkeġġ blue u għandha tabella personalizzata. Kien hemm qbil li tinġibed l-attenzjoni biex il-bay issir blue. Hemm ukoll double yellow lines għal garage li jintuża minn wieħed li jbiegħ il-ħaxix. B'hekk hemm nuqqas ta' parkeġġ għar-residenti tal-akwata. Kien hemm qbil li jibqa kollox kif inhu u jerġa jsir refresh tad-double yellow lines. |
| | | |
| 21.4.4 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal:<br>• Triq il-Kbira saret bollard li jaqbel magħha u hemm bżonn li fejn ikun hemm bżonn isiru.<br>• Hu kien ipparkjat fi Triq Filippu Farrugia f'parking bay u qala ċitazzjoni li ser jikkontesta. Hu qal li wardens imisshom jiġbdu l-attenzjoni tas-sewwieqa u mhux jagħtu ċitazzjonijiet mill-ewwel. Hu qal li l-Kunsill għandu javża lill-Lesa fuq dan. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Fi Triq l-Armerija hemm dar li fiha niċċa tal-Madonna tal-Karmnu, jeħtieġ li jekk ikun hemm skema, il-Kunsill idaħħalha fiha biex tiġi restawrata. Is-Sindku qalet li mhux il-familja kollha xtaqet li ssir manutenzjoni tagħha, imma issa approvaw u din ser issir. Hi qalet li kieku aċċettaw qabel, kien isir il-manutenzjoni qabel tagħha.<br>• Fil-kalendarju tal-Kunsill hemm inkluż persuni mill-Kunsill u tfal ta' impjegati u kunsilliera. Hu tal-fehmea li dan ma kellux isir u ġaladarba saret, kellhom jiġu inklużi t-tfal kollha tal-Kunsilliera. Is-Sindku qalet li inħarġu applikazzjonijiet biex jieħdu sehem tfal fil-kalendarju. Hi qalet li kienet staqsiet lill-Kunsillier Dino Bonnici personali, fuq it-tifel tiegħu ukoll, għax ma ratx applikazzjoni tiegħu, imma hu stess kien infurmha li ma setgħax jieħu lit-tifel tiegħu. Is-Sindku qalet li kull min applika ħa sehem u intgħażel kullħadd. Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li dan hu reklamar fin. Ħadd minn dawk preżenti ma qabel mal-punt li għamel il-Kunsillier Dino Bonnici. |
| | | |
| 21.4.5 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal:<br>• Hemm bżonn li jinbidlu l-fanali ta' quddiem l-iskola wara li inkiser fanal bil-maltemp. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed tipprova tiġbor l-istimi għalihom.<br>• Hemm bżonn li ssir manutenzjoni fil-ġnien il-ġibjun wara li jitlesta x-xogħol tas-solar Lighting. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Fir-rigward tal-post tan-nar ta' Ħal Kirkop, wara li saret l-isplużjoni, is-sidien telgħu l-qorti u l-bord tal-ippjanar irrevoka li l-permess. Hu qal li dan għandu jerġa lura għal dak tas-sena 1994. Sidien tal-kamra tan-nar appellaw biex jiżdiedu |

| | | |
|---|---|---|
| | | aktar kmamar tan-nar. Kien hemm qbil li l-Kunsill jistaqsi lill-Perit/konsulent tal-Kunsill fuq PA, jekk il-Kunsill jistax joġġezzjona fuq dan. Id-DC/75/23.<br><br>F'Mejju jissuġġerixxi li ssir attività/fiera bħala festa familja. Kien hemm qbil li jinġib permess biex issir Wied Fulija. Kien hemm qbil li ssir 26 ta' April. |
| | | |
| | | |
| ***21.5*** | | ***PRT67/2/25 – Printing Services of Stationery and Printed Material*** |
| | | |
| 21.5.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kien hemm 4 offerenti għall-imsemmija tender:<br>Salander Group CO Ltd - €16,338/ €1,187<br>Outlook Coop - €30,060/ €2,140<br>Print Right - €18,110/ €717<br>James Cutajar - €40,900/ €3,275<br><br>L-orħos offerenti huma Salander Group Co Ltd u Print Right u jinsabu konformi mar-rekwiżiti.<br>Kien hemm qbil li l-offerta joħoduha l-orħos offerenti.<br>**Dok 2 Mehmuż** |
| | | |
| ***21.6*** | | ***Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart – L-aħħar kwart tas-sena 2025*** |
| | | |
| 21.6.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ir-rapport finanzjarju tal-aħħar kwart tas-sena 2025, imħejji mill-accountant tal-Kunsill. Dan ġie approvat biex jiġi applowdjat.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed tipprova tippjana biex f'din is-sena jinbeda l-proġett ta' Triq Gervaze Matthew. Is-Sindku qalet li kellha laqgħat ma' Sports Malta biex jgħatu l-għajnuna tagħhom għal dan il-proġett. |
| | | |
| ***21.7*** | | ***Items oħra ta' xogħlijiet tal-Kunsill li jkunu meħtieġa.*** |
| | | |
| ***21.8*** | | ***Approvazzjonijiet : Xogħlijiet u Servizzi.*** |
| | | |
| 21.8.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet:<br><br>• Is-sala tal-iskola u l-kamra fejn kienu jiġu storjati s-siġġijiet u l-istrumenti tal-orkestra, qed issirilhom manutenzjoni estensiva u għal din is-sena ser ikun hemm bżonn li l-Kunsill jikri jew isib post alternattiv għalihom. Il-ħaddiema tal-Kunsill naddfu parti mill-garaxx li għandu mikri l-Kunsill u temporanjament dawk l-affarijiet kollha li kienu fl-iskola, ser jitpoġġew fih. Dawn ser jiġu mgħottija biex ma issirilhomx ħsara bit-trabijiet.Bħalissa qed isiru reharsals fil-garaxx tas-surmast tal-orkestra stess.<br><br>• Resident minn Triq Filippu Farrugia qed jilment li meta vetturi kbar jmorru jħottu merkanzija f'Supermarket viċin l-propjeta tieghu, qed jagħmlulu ħsara fil-gallarija (ritratti **mehmuża dok 3**.) Hu ssuġġerixxa li issir U bar biex tali vetturi ma jitilgħux il-bankina. Kien hemm qbil fuq dan. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Il-Kunsill irċieva korrispondenza minn dipartiment fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, fejn talab l-approvazzjoni li jitneħħew 3 siġriet minn Triq Stefano Zerafa biex tkun tista issir rampa għall-istudenti. Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li bħala Kunsill qatt m'għandu jara li jaqla siġra. Wara diskussjoni kien hemm qbil li jekk din it-talba hi parti mill-proġett u hemm raġuni serja/neċessarja li ssir ir-rampa u s-siġar jitħawlu ġoż-Żurrieq stess u l-ERA taqbel, il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni.<br>• Il-Kummissjoni tfal palmisti f'isem is-Soċjeta Mużikali Santa Katarina VM issuġġerew li jħawlu siġar/pjanti f'post indikat mill-Kunsill, fil-15 ta' Marzu. Is-Sindku tagħthom kuntatt ta' Project Green biex jgħinuhom fl-għoti ta' siġar. Dawn is-siġar ser jitħawlu fi Triq il-Barrieri (viċin Garden of Eden).<br>• TM qalu li ser jagħmlu *un/loading bay* oħra fi Triq Bronja quddiem ħanut li fetaħ is-sena l-oħra. Din issuġġerew li tkun bil-ħin ta' ipparkjar ta' mhux aktar minn 15 -il minuta. Meta s-Segretarju Eżekuttiv staqsiet min kien ser iżomm tali ħin, ġiet imwieġba ' jiġifieri l-Kunsill Lokali ma jaqbilix ma din l-*un/loading bay*?'. Qamet diskussjoni, il-Kunsillier Dino Bonnici qal li hu ma jaċċettax iżjed l-un/loading bays fi Triq Bronja. Kien hemm qbil li l-Kunsill javża biex l-un/loading issir għal filgħodu biss (sas-14:00) u din għandha tinkludi ukoll lill-ħanut tal-petshop li hemm faċċata ta' dan il-ħanut, għax hemm limitu ta' suppliers. Din għandha tkun għall-kull ħanut li hemm fi Triq il-Bronja.<br>• Resident minn Triq il-Luq li ilu joġġezzjona mal-Kunsill Lokali sa minn leġislazzjonijiet preċedenti, fuq il-linji doppji sofor li saru fi Triq il-Luq, kiteb lill-TM għall-għajnuna u TM, issuġġerietlu li jkellem lill-Kunsill u jitlob li titneħħa linja waħda biss, biex hu jkun jista jgħabbi u jħott fil-garaxx tiegħu. Kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob lit-TM biex tali triq tinbidlilha d-direzzjoni tat-traffiku. Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li għalih id-double yellow lines jistgħu jitneħħew minn quddiem il-garaxxijiet kollha.<br>• Il-proġett ta' Misraħ Karmelitani ser jittawwal sa' Marzu minflok sa Diċembru. Il-Kunsillier Dino Bonnici talab biex Project Green jikteb lir-residenti u jiskużaw ruħhom fuq dan għal kull inkonvenjent. |
| | | |
| | | |
| ***21.9*** | | ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tar-Reġjun Punent.*** |
| | | |
| 21.9.1 | | Tressqu l-minuti tar-Reġjun Punent numru 55. |
| | | |
| ***21.10*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 21.10.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 4** għall-ammont totali ta' €96,025.27<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u l-kunsilliera Kyle Mifsud u Jeremy Coleiro. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| ***21.11*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS u TAL-LAQGĦA ANNWALI*** |
| | | |
| 21.11.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-21:00. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar il-Erbgħa 25 ta' Frar, 2125, fis-6:00 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum ___ ta' Frar, 2026

Rita Grima
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**